Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 100/2016/1

**Brian Tonna u Karl Cini**

**Vs**

**Pierre Portelli, David Lindsay u Stephen Calleja bħala edituri tal-gazzetta 'The Malta Independent on Sunday' u 'The Malta Independent Online'.**

4 ta' Ottubru, 2019.

1. Permezz ta' rikors li l-atturi pprezentaw fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta' Mejju, 2016, talbu dikjarazzjoni li l-konvenuti kienu responsabbli ta' malafama li saret fl-artikoli, *"Panama Papers HSBC Investigation expected into alleged fraudulent documents vouching for Keith Schembri and Malcolm Scerri"* pubblikat fil-ġurnal *The Malta Independent on Sunday u "Probe expected into alleged fraudulent document vouching for Keith Schembri and Malcolm Scerri",* pubblikat fil-portal online ta' The Malta Independent. Artikoli pubblikati fit-8 ta' Mejju, 2016. L-atturi lmentaw ukoll dwar il-kummenti li l-konvenuti jew min minnhom ippubblikaw fil-konfront tal-atturi. Għalhekk talbu l-likwidazzjoni u ħlas ta' danni skont l-artikolu 28 ta' l-Att Dwar l-Istampa, Kap. 248.

2. Permezz ta' risposta li pprezentaw fit-23 ta' Gunju, 2016, il-konvenuti wieġbu:
   i. Pierre Portelli m'huwiex il-leġittimu kontradittur peress li ma kienx l-editur tal-pubblikazzjonijiet.

   ii. L-atturi għandhom iressqu prova li l-konvenuti kollha kienu l-edituri tal-pubblikazzjonijiet mertu tal-kawza.

   iii. Il-pubblikazzjonijiet m'humiex malafamanti u jikkonsistu biss fatti li jistgħu jiġu verifikati u/jew kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku u

għalhekk huma *fair comment*.

iv. Ma jirriżultax li kien hemm kummenti li huma libellużi.

v. Jekk hemm xi kummenti li minnhom ilmentaw l-atturi u huma libellużi għandhom iwieġbu għalihom il-persuni li kitbuhom.

3. B'sentenza tal-25 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u laqgħet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-konvenuti sabiex iħallsuhom is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000), bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

4. L-Ewwel Qorti fis-sentenza irraġunat li:

i. Pierre Portelli għandu wkoll jerfa' r-responsabbilta' peress li kien il-persuna illi għamel kuntatt mal-*Head of Communications* ta' l-HSBC dakinhar stess li kienu pubblikati l-artikoli oġġett tal-kawża. Il-Qorti qalet illi kien irriżulta li Pierre Portelli kien ġie nfurmat li *prima facie* kien jidher illi dak li kien ġara kien każ ta' sempliċi żball amministrattiv – fatt li ma ssemmiex mill-artikolisti fl-artikoli in kwistjoni;

ii. Il-fatt li l-konvenuti għazlu li ppublikaw kważi *in toto* il-kontenut ta' l-artikolu li kien imtella fuq sit ta' Daphne Caruana Galizia ifisser li għamlu tagħhom dak li ġie allegat. Huma faċilment setgħu jillimitaw dak li kitbu għall-ewwel paragrafu ta' l-istorja;

iii. L-artikolist iddeskriva l-każ bħala *"Alleged fraudulent documents vouching for Keith Schembri and Malcolm Scerri"* bl-intenzjoni tkun mhux biex tgħarraf lill-qarrejja bl-istorja li tista' tkun ta' interess pubbliku iżda sabiex tirriafferma l-allegazzjonijiet li saru illi Keith Schembri u Malcolm Scerri użaw dokumenti foloz sabiex jiftħu kumpanniji barra minn Malta u implikaw l-attur Tonna u Cini u l-kumpannija Nexia BT;

iv. Irriżulta wkoll li għalkemm l-artikolu ma jagħmilx riferenza għall-atturi b'isimhom, il-pretensjoni tal-atturi hi ppruvata mill-kummenti li tħallew jagħmlu terzi persuni fil-verżjoni *online.* Dan juri biċ-ċar li l-messaġġ li ngħata lill-pubbliku kien li l-atturi u l-kumpannija Nexia BT kienu involuti f'attivita' llegali u kriminali ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti tal-bank. Il-kummenti huma fihom infushom libellużi fil-konfront ta' l-atturi billi jattribwixxu reat lill-atturi.

v. L-ewwel qorti qalet li m'hijiex konvinta mir-responsabbilta' tal-konvenuti minħabba l-kontenut ta' l-artikoli fejn ma jsirux allegazzjonijiet daqstant malafamanti, pero' qalet illi l-fatt li tħallew u ppremettew lil persuni, uħud saħansitra mhux faċilment identifikabbli jagħmlu *posts* libellużi fil-konfront ta' l-atturi, mingħajr dawn ma ġew ikkontrollati, jirrendihom responsabbli. Kummenti li, skond l-Ewwel Qorti, kienu intiżi biss biex jagħmlu ħsara lill-atturi. Il-konvenuti huma responsabbli għal kummenti li għamlu terzi inkwantu huma kienu qegħdin joffru pjattaforma sabiex isiru dawn il-kummenti libellużi.

5. Permezz ta' rikors preżentat mill-konvenuti, fit-13 ta' Novembru, 2018, huma appellaw mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, fejn l-aggravji tagħhom huma:

   i. L-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li l-konvenut Portelli hu responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' l-artikoli – kemm dak stampat, kif ukoll dak pubblikat *online;*

   ii. L-Ewwel Qorti żbaljat fil-kunsiderazzjoni tal-fatti. Meta wieħed jara sew il-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti għandu jirriżulta li fehmet ħażin dak li xehed ir-rappreżentant ta' l-HSBC Aloisio. Ix-xhud qal li kien hemm kuntatt fil-jiem ta' wara l-pubblikazzjonijiet. Dan ifisser li l-informazzjoni li ġabar Pierre Portelli, li seta' kien żball amministrattiv tal-bank, ingħatat lilu wara l-pubblikazzjoni tal-istess artikoli. Saħansitra rriżulta li l-bank kien ordna wkoll li ssir investigazzjoni, tant li nkariga fost l-ogħla uffiċċjali sabiex jiddetermina x'kien fil-fatt sar;

   iii. It-tielet aggravju hu dwar il-kummenti li saru fil-verżjoni *online.* Hi ġurisprudenza Ewropeja illi hu permess li jsiru kummenti. Skond il-ġurisprudenza l-iktar reċenti, ir-responsabbilta' ghall-kummenti ta' terzi, tirriżulta biss f'każ ta' *hate speech* u mhux biżżejjed li l-kummenti jkunu offensivi. Il-konvenuti ppreżentaw, bħala stat ta' fatt, dak li kien pubblikament diġa' fid-dominju pubbliku u li rriżulta li hu fattwalment korrett;

   iv. Ir-raba' u l-ħames aggravji huma li l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra il-miżuri li ħadu l-konvenuti, hekk kif l-atturi oġġezzjonaw għal dak li kien ġie ppublikat kif ukoll l-ammont ta' danni likwidati mill-Ewwel Qorti m'huwiex proporzjonat.

6. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fl-1 ta' Frar, 2018, l-atturi wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell tal-konvenuti għandu jkun miċħud.

7. Fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2019, saret it-trattazzjoni.

**Fatti.**

8. Sabiex wieħed jifhem aħjar x'wassal għal din il-kawża, tajjeb li l-ewwel jiġu elenkati l-fatti relatati ma' dan il-każ:-
   i. Fit-8 ta' Mejju, 2016 il-gazzetta 'The Malta Independent on Sunday' ippubblikat artikolu bit-titlu *"Panama Papers: HSBC investigation expected into alleged fraudulent documents vouching for Keith Schembri and Malcolm Scerri"*. Dakinhar stess fuq il-portal tal-istess gazzetta, kien pubblikat artikolu bit-titolu *"Updated: Keith Schembri, Malcolm Scerri deny fraudulent documents allegations"*.

   ii. Fl-ebda wieħed minn dawk iż-żewġ artikoli ma kien identifikat min hu l-awtur.

   iii. Fl-ewwel artikolu inkiteb li kien mistenni li HSBC Bank Malta kien mistenni li jagħmel investigazzjoni dwar *"the possible fraudulent presentation of documents concerning OPM Chief of Staff Keith Schembri and Malcolm Scerri, the general manager of the company Mr Schembri owns, Kasco Ltd, sources have told this newsroom"*.

   iv. Artikolu li kien relatat ma' dak pubblikat fil-blog ta' Daphne Caruana Galizia, li kienu żewġ dokumenti datati **27 ta' Mejju 2013** u fuq nett hemm stampat HSBC u *'information report'*. Fihom kien dikjarat li Keith Schembri u Malcolm Scerri kienu magħrufa mill-bank għal numru ta' snin, *"…. as honest and trustworthy and unlikely to enter into commitments he would be unable to fulfil. Highly esteemed in his business circles. Considered to be a good business relationship"*. Fuq id-dokumenti kien hemm stampat l-indirizz tal-bank ta' Ħ'Attard (*'Attard Branch, 34, Mosta Road, Attard ATD 1434'*). Għalhekk jagħtu wieħed x'jifhem li nħarġu minn dak l-uffiċċju. Pero'

Caruana Galizia kitbet li kellha tagħrif li l-fergħa tal-HSBC ġewwa Ħ'Attard kienet ilha magħluqa minn Frar, 2012. Ix-xhud Franco Aloisio kkonferma li l-fergħa ngħalqet fil-15 ta' Frar, 2012.

v. Iż-żewġ dokumenti kienu ndirizzati lil BTI Management Limited, u l-atturi huma diretturi ta' dik il-kumpannija.

vi. Fl-ewwel artikolu l-uniku riferenza għall-atturi kienet: *"If this turns out to be case, action would very well be taken by the Malta Financial Services Authoirty, which could, in turn, result in punitive action against the directors of BTI Management Limited, who include Brian Tonna and Karl Cini. Both men are linked to Mr Schembri and are also heavily implicated in the Maltese spectrum of the Panama Papers scandal"*.

vii. It-tieni artikolu kien pubblikat iktar tard matul l-istess ġurnata, sabiex jgħarraf lill-qarrejja li Schembri u Scerri kienu qegħdin jiċħdu l-allegazzjonijiet *".... of fraudulent presentation of documents"*. Fih kien dikjarat ukoll li f'ittra legali li bagħat l-avukat tagħhom, ċaħdu l-allegazzjoni li saret fl-artikolu u taw lill-gazzetta sa nofsinhar sabiex tirtira l-istorja. L-artikolu jagħlaq bis-sentenza, *"This newsroom intends to await an official declaration by HSBC before taking any further action"*. Wara l-artikoli saru diversi kummenti minn qarrejja.

viii. Fid-9 ta' Mejju 2016 fil-11:12 ta' filgħodu HSBC bagħat email lil Schembri fejn ikkonferma li r-rapport li ħareġ il-bank kien leġittimu u nħareġ skont talba tagħhom skont proċeduri normali. F'email interna tal-bank datata 9 ta' Mejju, 2013, l-uffiċjal li ħareġ ir-rapport spjega: *"regarding the bank address of the relative reports, at that time, the address of CMB here at Qormi was not automatic, but the first 'automatic' address was that of Attard. Hence the address. This was an oversight from my part that I did not check the bank address at the bottom of the report"*.

ix. Fl-10 ta' Mejju, 2016 l-atturi ppreżentaw il-kawża.

x. Fl-10 ta' Mejju, 2016 l-avukat tal-atturi bagħat email lill-konvenuti fejn irrefera għall-artikolu pubblikat fit-8 ta' Mejju, 2016 u talab li jirtiraw l-artikolu u jitolbu skuża mhux iktar tard mis-2:00 pm ta' dakinhar. Dakinhar stess, Portelli wieġeb li kienu ser jippubblikaw id-dikjarazzjoni tal-atturi kemm online u stampat. Kompla: *"In the meantime the paper cannot apologize as yet, not until the bank or your clients' show us the original documents. A retraction of the article cannot be made due to the fact that this is now an exhibit in the libel cases filed against us by your clients"*.

xi. Fil-11 ta' Mejju, 2016 l-istess gazzetta ppubblikat artikolu ieħor bit-titlu *"Updated: HSBC 2013 documents on Keith Schembri and Malcolm Scerri authentic, not fraudulent"*. Il-gazzetta infurmat lill-qarrejja li:

> *"Following several attempts by The Malta Independent, and other media outlets, to establish whether HSBC 2013 documents found in the Panama Papers, pertaining to the Prime Minister's Chief of Staff Keith Schembri and his business associate Malcolm Scerri, are authentic or fraudulent, the bank has finally come out stating that these are authentic.*
>
> *Citing an administrative error HSBC took full responsibility of the matter, confirming that what Mr Schembri and Mr Scerri said on Sunday via their lawyer is true....*
>
> *HSBC issued a letter to Mr Schembri, which he circulated earlier today, confirming that the 2013 'Attard Branch' documents were authentic and not fraudulent.*
>
> ***This newsroom is now satisfied that in this matter no wrongdoing can be attributed to Mr Keith Schembri and Mr Malcolm Scerri, or their financial consultants Nexia BT**. This newsroom acted in good faith and probed the issued until it was finally cleared by HSBC in its statement today"*.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

9. Jibda biex jingħad li dan il-każ seħħ snin qabel daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579). Għalhekk regolat mill-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) (ara disposizzjoni tranżitorja fl-Att il-ġdid). Fil-fatt l-azzjoni li pproponew l-atturi hi bażata fuq dik il-ligi, tant li talbu lill-qorti sabiex tillikwida d-danni *"....ai termini tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta)"*.

10. B'riferenza għall-**<u>ewwel aggravju</u>**, l-argument hu li l-atturi m'għamlux il-prova li l-konvenut Portelli kien editur tal-gazzetta *The Malta Independent on Sunday* u *The Malta Independent Online*. Mir-rikors promotur hu evidenti li t-tlett konvenuti tħarrku bħala edituri. L-ewwel qorti qalet li Portelli kien responsabbli għaliex kien il-persuna li:

> *"attwalment għamel kuntatt mal-Head of Communication tal-HSBC, ossija Franco Aloisio, dakinhar stess illi ħarġet l-istorja fuq is-sit www.daphnecaruanagalizia.com, sabiex jinvestiga l-allegazzjonijiet ulterjorment u kien hu attwalment il-persuna illi kienet ġiet mgħoddija l-informazzjoni illi kien sar isir stħarriġ intern fl-HSBC dwar l-allegazzjonijiet illi saru – dan huwa dak illi eventwalment ġie rrapurtat fl-ewwel paragrafu tal-artikolu meritu tal-kawża odjerna – għalhek Pierre Portelli għandu jerfa' responsabbilta' wkoll"*

11. Il-fatt li Portelli tkellem ma' Franco Aloisio tal-HSBC hu għal kollox irrilevanti għall-finijiet ta' responsabbilta'. Wieħed irid jiftakar li dawn il-proċeduri saru a bażi tal-Att dwar l-Istampa, Kap. 248. Azzjoni ċivili a bażi ta' dik il-liġi għandha ssir kontra:

> *"(a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;*
>
> *(b) l-editur"*
>
> *Jew jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati*
>
> *(c) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni"*.

12. Hu biss fejn dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati li jrid iwieġeb min ikun *"responsabbli għall-pubblikazzjoni"* (bl-Ingliż ***publisher***) skont paragrafu (c). F'Kap. 248 hemm definizzjoni tal-kliem *'responsabbli għall-pubblikazzjoni':*

> *"tfisser persuna li tkun sid ta' impriża għall-pubblikazzjoni ta' gazzetta jew li jkollha liċenza għax-xandir u tinkludi kull persuna li jkollha faċilitajiet għall-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' kull stampat"*.

Għalhekk il-fatt li Portelli kien tkellem ma' Aloisio, ma tagħmlux *publisher* u m'hemmx prova li hu tali.

13. Artikolu 2 jipprovdi definizzjoni ta' 'editur':

> *".... il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' kull stampat u dwar gazzetta jew servizz ta' xandir **tinkludi** kull persuna li tħares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35"*.

14. Fis-seduta tas-6 ta’ Marzu, 2017 id-difensur tal-konvenuti ddikjara: (fol. 57)

> *"L-Av Peter Fenech għall-intimati fuq talba tar-rikorrent jiddikjara li l-editur tal-Gazzetta the Malta Independent on Sunday huwa David Lyndsay, filwaqt li l-editur tal-online portal Malta Independent huwa Stephen Calleja.* ***Jiddikjara wkoll li l-intimat Pierre Portelli mhuwiex editur ai fini tal-Att tal-Istampa tal-Kap. 248, iżda jokkupa biss kariga interna ta' content editor****".*

15. Dikjarazzjoni li fl-ebda stadju ma nbidlet. Fir-rikors tal-appell l-konvenuti ddikjaraw li Portelli kien jokkupa l-kariga ta’ *‘Director of Business of Content’*. Portelli ma xehedx u l-qorti trid tiddeċiedi a bażi tad-dikjarazzjoni li saret waqt is-seduta tas-6 ta’ Marzu, 2017 u mhux ta’ dak li ġie dikjarat fir-rikors tal-appell li ma jistax iservi bħala prova ġdida.

16. Skont id-definizzjoni tal-kelma *‘editur’*, sabiex persuna tkun editur mhemmx għalfejn li tkun reġistrata bħala tali *ai termini* tal-artikolu 35 tal-Kap. 248.

17. Bil-kliem *content editor* il-qorti tifhem li Portelli jaqa’ taħt id-definizzjoni tal-kelma ‘editur’ fis-sens li hu wkoll responsabbli għal dak li ġie ppubblikat **fl-imsemmija artikoli**. Kif hu evidenti mid-definizzjoni tal-kelma editur, jista’ jkollha iktar minn editur wieħed. F’dan il-każ jidher li Portelli kien jaf sew x’qiegħed jiġi pubblikat u fil-fatt kien hu li wieġeb għall-email tad-difensur tal-atturi.

18. Filwaqt li l-qorti ma taqbilx mar-raġunamentt tal-ewwel qorti li wassalha biex tiċħad l-eċċezzjoni li Portelli mhuwiex leġittimu kontradittur, għar-raġunijiet li ngħataw hawn fuq tiċħad l-ewwel aggravju.

19. **Fit-tieni aggravju** l-konvenuti għamlu riferenza għall-artikolu 4 tal-Kap. 579. Disposizzjoni li ma tapplikax għall-każ in eżami ġialadarba l-istampat jirreferi għall-perjodu li nqala’ qabel daħal fis-seħħa l-Att dwar il-Midja u Malafama (ara artikolu 25 li hi d-disposizzjoni tranżitorja tal-Kap. 579).

20. Hu fatt li meta kienu pubblikati ż-żewġ artikoli, kien hemm żewġ dokumenti datat 27 ta’ Mejju, 2013 li kienu jagħtu lil wieħed x’jifhem li nħarġu mill-HSBC fergħa ta’ Ħ’Attard. Fergħa li kienet ilha magħluqs sa mill-15 ta’ Frar, 2012.

21. Wieħed irid jiftakar li dan l-inċident inqala' fi żmien meta Keith Schembri kien fl-aħbarijiet in konnessjoni mal-Panama Papers. Keith Schembri hu *chief of staff* fl-ufficcju tal-Prim'Ministru. Kariga li l-persuna li tokkupaha tkun *hand picked* għaliha mill-Prim'Ministru li fih ovvjament ikollu l-fiduċja assoluta. Kariga li fiha l-uffiċjal ikun wieħed mill-eqreb *aides* tal-Prim'Ministru. Għandu jkun ovvju għal kulħadd li persuna b'kariga bħal dik, li issemma fl-iskandlu tal-Panama Papers u wkoll dwar kumpanniji reġistrati fil-British Virgin Islands, ser jinxtegħlu s-*search lights* tal-press fuqu f'materja bħal dik in eżami. L-istess japplika għall-atturi li jagħtu servizz lilu, u li huma stess issemmew b'mod jew ieħor fl-iskandli tal-Panama Papers.

22. Dmir importanti tal-media hu li tkun *watchdog* ta' min qiegħed fil-ħajja pubblika, u tirrapporta affarijiet li jkunu ta' interess pubbliku. Għalkemm xi ħadd jista' jargumenta li l-atturi mhumiex fil-ħajja pubbliku, wieħed irid jiftakar li dak li nkiteb kien in relazzjoni ma' persuna li kienet fil-ħajja pubbliku u evidetement kienu jagħtu servizzi professjonali. Għalhekk hu ovvju li jissemmew f'dawk il-materji li huma ta' interess pubbliku.

23. Dwar dak l-artikolu, l-attur Tonna xehed (fol. 35):

> *"L-intimati jirreferu għal dawn id-dokumenti bħala 'fraudulent documents'. Fl-artikoli imsemmija l-intimati, filwaqt li jiċċitaw bħala s-sors tagħhom blog ippubblikat minn Daphne Caruana Galizia, jispekulaw li ġialadarba l-brank ta' H'Attard tal-bank HSBC kienet ingħalqet għall-pubbliku qabel id-data tad-dokumenti msemmija, allura d-dokumenti huma frawdolenti".*

24. Il-qorti ma taqbilx. Fl-artikolu tat-8 ta' Mejju, 2016 pubblikat fil-gazzetta The Malta Independent, il-konvenuti ma ħadux il-posizzjoni li ż-żewġ dokumenti kienu falsifikati. Kienu qegħdin sempliċiment jirrapportaw x'kitbet Daphne Caruana Galizia fil-*blog* dwar l-*information reports* li nħarġu mill-HSBC Bank Malta plc b'riferenza għal Keith Schembri u Mario Scerri, indirizzati lill-kumpannija li tagħha l-atturi huma diretturi. Dokumenti li jagħtu wieħed x'jifhem li nħarġu minn fergħa tal-HSBC li kienet ilha magħluqa sa mill-15 ta' Frar, 2012. Għalhekk żgur li kienet leġittima d-domanda jekk dawk id-dokumenti kinux awtentiċi.

25. Rappurtaġġ ta' fatti li mhemmx dubju li kien ta' interess pubbliku fl-isfond tal-iskandlu tal-Panama Papers. Il-gazzetta kellha kull dritt li tippubblika dak it-tagħrif u tgħarraf lill-qarrejja tagħha b'dak li inkiteb minn Caruana Galizia.

26. Waqt it-trattazzjoni quddiem l-ewwel qorti sar ukoll aċċenn għall-fatt li fl-artikolu issemma li HSBC kien ser jagħmel investigazzjoni *('investigation').* Hu ovvju li l-HSBC investigat kif ħarġu dawk iż-żewġ dokumenti u fuqhom kien stampat l-indirizz ta' fergħa li kienet ilha xhur magħluqa. Ovvjament din ma kinitx xi investigazzjoni kumplikata għaliex tista' tgħid li mill-ewwel irriżulta li kien sar żball amministrattiv minn impjegat tal-bank. Inoltre u f'kull każ, l-eżaġerazzjoni mhijiex biżżejjed biex persuna tinstab ħatja ta' malafama.

27. Il-fatt li nkiteb ukoll li kieku jirriżulta li d-dokumenti huma foloz jistgħu jittieħdu passi mill-MFSA, lanqas mhu malafamanti. Hu veru li l-gazzetti kienu qegħdin jispekulaw. Pero' hu ovvju li kieku rriżulta li d-dokumenti kienu falsifikati, kien ser ikun hemm konsegwenzi. Fil-fatt mill-provi rriżulta li dawk ir-rapporti kienu ntalbu minn BTI Management Limited, li fiha hemm involuti l-atturi u li kienu joffru servizz lil Keith Schembri u Malcolm Scerri.

28. Għal dak li jirrigwarda t-tieni artikolu pubblikat fil-gazzetta *online*, hawn ukoll ma nkiteb xejn li hu malafamanti fil-konfront tal-atturi. Artikolu pubblikat sabiex jirrapporta li Schembri u Cini kienu ċaħdu l-allegazzjoni li kien saret xi frodi. L-atturi ma ppreżentawx l-artikolu oriġinali bit-titolu *"Probe expected into alleged fraudulent documents vouching for Keith Schembri, Malcolm Scerri"* pubblikat fl-istess ġurnata li kien pubblikat l-artikolu f'The Malta Independent on Sunday. L-atturi ppreżentaw pero' l-artikolu bit-titlu *"Updated: Keith Schembri, Malcolm Scerri deny fraudulent documents allegations"* li fil-parti l-kbira hu riproduzzjoni tal-artikolu pubblikat dakinhar stess fil-gazzetta. Li hemm differenti hu t-titlu, d-dikjarazzjoni ta' Schembri u Cini u li l-gazzetta kienet ser tistenna dikjarazzjoni uffiċjali tal-HSBC qabel tieħu posizzjoni.

29. L-ewwel qorti stess kkonkludiet li fl-artikoli ma sabitx *"... allegazzjonijiet daqstant malafamanti fil-konfront tar-rikiorrenti, ...."* (ara paragrafu 6(8) tas-

sentenza). Din il-qorti tmur oltre, fis-sens li fiż-żewġ artikoli ma ntqal xejn li hu malafamanti fil-konfront tal-atturi. Fihom hemm rapportati biss fatti li huma minnhom u mbagħad kummenti dwar x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi jekk jirriżulta li d-dokumenti kienu falsifikati.

30. Mhemmx dubju wkoll li kien wara il-pubblikazzjoni li l-konvenuti saru jafu li l-indirizz tal-fergħa tal-bank HSBC ta' H'Attard kien stampat fuq iż-żewġ dokumenti. Dawk id-dettalji fuq id-dokumenti jagħtu wieħed x'jifhem li fil-fatt inħarġu mill-fergħa tal-HSBC f'Ħ'Attard. Fergħa li kienet ilha magħluqa mill-15 ta' Frar, 2012.

31. L-ewwel qorti qalet li l-konvenut Portelli kien infurmat **fis-6 ta' Mejju, 2016** li *'prima facie'* dak li kien ġara kien minħabba żball amministrattiv (ara paragrafu 5(6) tas-sentenza). F'dan ir-rigward irriferiet għad-deposizzjoni ta' Franco Aloisio. Għaldaqstant, l-ewwel qorti rraġunat li l-konvenuti kienu sa minn qabel il-pubblikazzjoni jafu li mad-daqqa t'għajn kien każ ta' żball amministrattiv. Madankollu skont it-traskrizzjoni li hemm fl-atti, ix-xhud qatt ma qal li tkellem mal-konvenut Portelli fis-6 ta' Mejju, 2016. F'dan ir-rigward kull ma qal dwar is-6 ta' Mejju, 2016 kien li dakinhar Caruana Galizia kienet għamlet *post* fil-*blog* tagħha (fol. 104) u mhux li Portelli tkellem miegħu. Għalhekk l-ewwel qorti għamlet żball ta' fatt meta fis-sentenza qalet, *"5..... Pierre Portelli kien mgħarraf illi kien jidher li dan kollu kien każ ta' 'żball amministrattiv', iżda tali dettall ġie totalment ommess mill-artikolist fl-artikolu meritu tal-kawża odjerna u ssemma biss tlett ijiem wara,...."*. Żball fuq punt ta' fatt rilevanti. Ix-xhud Aloiso ma semmiex id-data meta tkellem ma' Portelli. Qatt ma qal li fis-6 ta' Mejju, 2016 kien tkellem ma' Portelli. Anzi minn dik id-deposizzjoni hu evidenti li Aloisio tkellem ma' Portelli **<u>wara</u>** l-pubblikazzjoni tal-artikoli oġġett tal-kawża. Ix-xhud stess qal li kien 'jidhirlu' li qabel il-pubblikazzjoni tal-artikoli oġġett tal-kawża, ħadd ma tkellem miegħu. Mistoqsi jekk tkellimx miegħu xi ħadd, *"dakinhar li ħareġ jew l-għada ?"* wieġeb *"ma jidhirlix"*. Kompla jżid li *"... jidhirli li kien hemm kuntatt ovvjament bħala parti minn xogħli **<u>fil-jiem ta' wara</u>**"* (fol. 105). Kemm Portelli ma tkellimx ma' Aloisio fis-6 ta' Mejju, 2013 hu wkoll evidenti mill-email interna datata **9 ta' Mejju, 2013** li Lawrence Pace (l-uffiċjal tal-

HSBC li ħa l-iżball) bagħat dwar x'kien ġara (fol. 123). Fiha hemm l-ispjegazzjoni ta' Pace li kien ħa żball waqt li kien qiegħed jipprepara l-information reports ta' Keith Schembri u Malcolm Scerri. Prova oħra li turi li fis-6 ta' Mejju, 2013 Aloisio ma setax tkellem ma' Portelli u qallu li *prima facie* kien jidher li kien żball amministrattiv min-naħa tal-bank.

32. L-atturi argumentaw li s-serjeta kienet titlob li qabel il-pubblikazzjoni jagħmlu verifiki mal-HSBC. Il-gazzetta ppubblikat aħbar li kienet ġiet pubblikata minn ġurnalista oħra fuq il-blog tagħha. Hu ovvju li l-HSBC ma kienx ser jagħti tagħrif lill-konvenuti dwar materja li tikkonċerna lil Keith Schembri u Malcolm Scerri. Dan hu evidenti wkoll mill-email li l-bank bagħat lil Schembri (fol. 49) fejn jingħad: *"In connection with your authorisation to publicly respond to any queries received by the Bank regarding this matter, please be informed that the Bank discusses the affairs of its customers only with its customers and does not comment publicly on individual customer banking relationships"*. Kien hemm aħbar u żewġ *bank references* li jagħtu wieħed x'jifhem li nħarġu minn HSBC, fergħa Ħ'Attard li kienet ilha x-xhur li ngħalqet. Li gazzetta tikkummenta u tistaqsi kien altru milli leġittimu. Il-fatt li ma sarux mistoqsijiet qabel il-pubblikazzjoni, ma jfissirx li l-awtur jew l-edituri huma ħatja ta' malafama. Il-malafama kienet teżisti kieku fl-artikoli oġġett tal-kawża, il-gazzetta ħadet il-posizzjoni li l-atturi kienu ffalsifikaw id-dokumenti. Dan mhuwiex il-każ.

33. Il-konklużjoni tal-qorti hi li mingħajr ebda dubju l-kontenut tal-artikoli oġġett tal-kawża mhumiex malafamanti fil-konfront tal-atturi.

34. Fadal il-kummenti li kienu posted minn qarrejja tal-artikoli pubblikati *on line* u li l-konvenuti kkunsidraw **fit-tielet aggravju**. Il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti taqra (fol. 29):

> *"5. Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u subordinatament għall-istess il-kontenut ta' dawn il-kummenti li minnhom ilmentaw ir-rikorrenti, jekk jirriżulta li huma malafamanti, għandhom iwieġbu għalihom il-persuni li għaddewhom".*

35. Fl-affidavit l-atturi rriferew għall-erba' *posts*:

> *"Jan Farrugia*
> *But Nexia Bt have not challenged Daphne's allegation of a fraudulent, faked document in the shape of an HSBC letterhead. It is Nexia BT which is in the dock here, not CashCow*

*people. **Nexia BT faked the document for them**, so of course they are denying any fraud, but Nexia BT are silent about the issue".*

*"J Sammut*
*Keith Schembri and Malcolm Scerri, are not the persons who should be denying fraud but Karl Cini who signed the authenticity of the said documents on behalf of Nexia BT.*

*"Joseph Lawrence*
*Maybe they should investigate Karl Cini ?"*

*"Jan Farrugia*
*Forging a document is criminal. If this allegation is proven, the perpetrator's place is in prison while losing their professional status and warrant to practise it"*

*"J. Vella*
***Nexia BT, Brian Tonna and Karl Cini should be stripped of their professional warrants and licenses.** All of them including Schembri should be investigated by the Police and MFSA".*

Ovvjament il-qorti trid tillimita ruħha biex tikkunsidra l-kummenti li dwarhom ilmentaw l-atturi (ara affidavits tal-atturi).

36. Fil-fehma tal-qorti huma l-posts ta' J. Farrugia u J. Vella li jistgħu jitqiesu li huma libellużi għaliex ħaduha bħala fatt li d-dokumenti kienu falsifikati, u li l-atturi kienu l-perċimess ta' att illegali. Dawk il-*posts* żgur li mhumiex *'expressions of opinion'* iżda qegħdin jattribwixxu fatti lill-atturi, ċjoe' l-falsifikazzjoni ta' żewġ dokumenti. It-tlett posts l-oħra huma biss opinjoni tal-qarrejja.

37. Il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova li ħadu passi biex dawk il-posts jitneħħew wara li ġie stabbilit li dak li ġara kien sempliċi żball amministrattiv.

38. Il-konvenuti indirizzaw din il-materja fit-tielet aggravju tar-rikors tal-appell u bbażawh fuq dak li qalet il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Magyar Tartalomszolgaltatok Egyesulete and Index.hu Zrt v Hungary** (22947/13) tat-2 ta' Mejju, 2016. Ir-raġunament tal-konvenuti hu li mhemmx responsabbilta peress li l-kummenti mhumiex *hate speech* u mhux jinċitaw il-vjolenza. F'dan ir-rigward għamlu riferenza għall-paragrafu 91 tas-sentenza. Il-konvenuti argumentaw li minn din is-sentenza kien evidenti li:

> *".... il-Qorti ta' Strasburgu ddikjarat u għamlet enfażi fuq il-fatt li l-kummenti tant iridu jkunu vulgari li jammontaw għal hate speech u mhux biss offensivi,*

*fatt li f'dak imressaq mir-rikorrenti fil-każ odjern żgur ma rriżultax u għalhekk ir-responsabbilta' li din il-Qorti tefgħet fuq l-intimati ma kienx raġonevoli għall-kummenti li ġew imtellgħin fuq il-portal".*

39. Il-qorti ma taqbilx. Mis-sentenza hu ċar li l-gazzetta tista' tkun responsabbli ukoll fejn il-każ ma jkunx wieħed ta' *hate speech* jew inċitament għall-vjolenza. Fil-fatt il-każ li kellha quddiemha l-qorti ma kienx wieħed ta' dik ix-xorta. Il-qorti qalet:

> *"62. The Court reiterates in this regard that although not publishers of the comments in the traditional sense, Internet news portals must, in principle, assume duties and responsibilities. Because of the particular nature of the Internet, those duties and responsibilities may differ to some degree from those of a traditional publisher, notably as regards third-party contents (see Delfi AS, cited above, § 113).*
>
> *63. In particular, the Court has examined in the case of Delfi AS the duties and responsibilities under Article 10 § 2 of large Internet news portals where they provide, for economic purposes, a platform for user-generated comments and where the users of such platforms engage in clearly unlawful expressions, amounting to hate speech and incitement to violence.*
>
> *64. However, the present case is different.* ***Although offensive and vulgar (see paragraphs 12 and 14 above), the incriminated comments did not constitute clearly unlawful speech; and they certainly did not amount to hate speech or incitement to violence.*** *Furthermore, while the second applicant is the owner of a large media outlet which must be regarded as having economic interests, the first applicant is a non-profit self-regulatory association of Internet service providers, with no known such interests.*
>
> *65. The domestic courts found that the impugned statements violated the personality rights and reputation of the plaintiff company, a moral person. At this juncture the Court notes that the domestic authorities accepted without any further analysis or justification that the impugned statements were unlawful as being injurious to the reputation of the plaintiff company.....*
>
> *68. The Court has already had occasion to lay down the relevant principles which must guide its assessment in the area of balancing the protection of freedom of expression as enshrined in Article 10 and the protection of the reputation of those against whom allegations were made, a right which, as an aspect of private life, is protected by Article 8 of the Convention. It identified a number of relevant criteria, out of which the particularly pertinent in the present case, to which the Court will revert below, are:* ***contribution to a debate of public interest, the subject of the report, the prior conduct of the person concerned, the content, form and consequences of the publication, and the gravity of the penalty imposed on the journalists or publishers*** *(see Couderc and Hachette Filipacchi Associés v. France [GC], cited above, § 93; Von Hannover v. (no. 2), cited above, §§ 108 to 113, ECHR 2012; and Axel Springer AG, cited above, §§ 90-95, 7 February 2012). At this juncture the Court would add that the outcome of such a balancing performed by the domestic courts will be acceptable in so far as those courts applied the appropriate criteria and, moreover, weighed the relative importance of each criterion with due respect paid to the particular circumstances of the case.*

*69. In the case of Delfi AS, the Grand Chamber identified the following specific aspects of freedom of expression in terms of protagonists playing an intermediary role on the Internet, as being relevant for the concrete assessment of the interference in question: the context of the comments,* ***the measures applied by the applicant company in order to prevent or remove defamatory comments****, the liability of the actual authors of the comments as an alternative to the intermediary's liability, and the consequences of the domestic proceedings for the applicant company (see Delfi AS, cited above, §§ 142-43).*

*70. These latter criteria were established so as to assess the liability of large Internet news portals for not having removed from their websites, without delay after publication, comments that amounted to hate speech and incitement to violence.* ***However, for the Court, they are also relevant for the assessment of the proportionality of the interference in the present case, free of the pivotal element of hate speech****. It is therefore convenient to examine the balancing, if any, performed by the domestic courts and the extent to which the relevant criteria (see Von Hannover (no. 2), cited above, §§ 108 to 113) were applied in that process, with regard to the specific aspects dictated by the applicants' respective positions (see Delfi AS, cited above, §§ 142-43)".*[1]

40. Li tgħid espressament jew timplika li professjonist iffalsifika dokument sabiex jintuża minn klijent tiegħu, m'huwiex kumment iżda allegazzjoni ta' fatt. Fatt li jekk hu veru jista' jagħti lok ukoll għall-proċeduri kriminali, apparti li hi allegazzjoni serja li timpinġi fuq l-integrita' professjonali u reputazzjoni tal-atturi.

41. Hu veru li l-*comment* section tal-gazzetta *online* hi intiża sabiex ikun hemm dibattitu fuq materji li jkunu rapportati fil-gazzetti online. Il-qorti m'għandhiex dubju li l-artikolu pubblikat fin-*news portal* kien ta' interess pubbliku. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qarrejja setgħu jiktbu li jridu. F'dan il-każ iż-żewġ kummenti fuq imsemmija għamluha fatta li l-atturi kienu ffalsifikaw id-dokumenti sabiex jaqdu lill-klijenti tagħhom, fosthom Keith Schembri. Dan meta fiż-żewġ artikoli meritu tal-kawża qatt ma ntqal hekk. Filwaqt li l-gazzetta kienet kawta ħafna fil-mod kif irraportat l-aħbar, fil-*comments section* ħalliet sitwazzjoni ta' *free for all* kif spiss qiegħed jiġri. Dan ma kienx każ fejn hemm prova li kienu posted kwantita kbira ta' kummenti li kienet tagħmilha diffiċli għall-gazzetta li żżomm kontroll tagħhom.

[1] Ara wkoll **Rolf Anders Daniel PIHL vs Sweden** (applikazzjoni numru 74742/14) tas-7 ta' Frar, 2017 tal-istess qorti.

42. Hu veru wkoll li f'artikolu pubblikat fil-11 ta' Mejju 2016 bit-titlu *"Updated: HSBC 2013 documents on Keith Schembri and Malcolm Scerri authentic, not fraudulent"*, il-gazzetta ddikjarat li wara d-dikjarazzjoni uffiċjali tal-HSBC kienet sodisfatta li *"no wrongdoing can be attributed to Mr Keith Schembri and Mr Malcolm Scerri, or their financial consultants Nexia BT"*. Pero' l-konvenuti ma ressqux prova li l-kummenti libellużi tat-terzi, kienu tneħħew mit-taqsima tal-kummenti tal-verżjoni *online*.

43. Il-konvenuti ma ressqu l-ebda provi:

i. Dwar *filtering system* li jista' għandha l-gazzetta *online* sabiex kummenti libellużi jitneħħew;
ii. Li llum il-ġurnata l-kummenti, li f'din is-sentenza l-qorti ddikjarat li huma malafamanti, m'għadhomx jidhru *online*. Dan iktar u iktar meta tqies li l-gazzetta kienet eventwalment aċċettat li dan kien każ ta' żball amministrattiv tal-HSBC, kif jirriżulta mill-artikolu pubblikat fil-11 ta' Mejju, 2016 fil-gazzetta *online;*
iii. Li l-gazzetta għandha l-mezzi u tista' tkun taf id-dettalji tal-persuna li għamel il-kumment *online*, u fl-affermattiv li offriet id-dettalji tat-terz lill-atturi;

44. B'riferenza għall-**aħħar żewġt aggravji**, l-ewwel qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni kif waslet sabiex tillikwida s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) bħala danni. Li hu ċert hu li sabet li ż-żewġ artikoli kienu libellużi flimkien mal-kummenti fl-artikolu pubblikat *online* u li kull konvenut kellu jwieġeb.

45. Il-konklużjoni ta' din il-qorti hi li:

i. Iż-żewġ artikoli fihom infushom m'humiex libellużi;
ii. Il-kummenti ta' terzi u li ssemmew f'paragrafu 36 ta' din is-sentenza, huma libellużi;

iii. Il-konvenuti altru milli kellhom biżżejjed żmien sabiex wara l-pubblikazzjoni tal-artikolu tal-11 ta' Mejju, 2016 ineħħu dawk il-kummenti minn fuq il-portal. Wara li fit-12 ta' Jannar 2017 l-atturi ppreżentaw l-affidavits tagħhom, il-konvenuti saru jafu x'inhuma l-kummenti li l-atturi kienu qegħdin joġġezzjonaw għalihom. Altru milli kellhom biżżejjed żmien sabiex jirrimedjaw. Kien fl-interess tal-gazzetta li tneħħihom, iktar u iktar meta tqies li fl-artikolu tal-11 ta' Mejju, 2016 kienet iddikjarat li kienet sodisfatta li f'dan il-każ ***"no wrongdoing can be attributed to Mr Keith Schembri and Mr Malcolm Scerri, or their financial consultants Nexia BT"***.

46. Għaldaqstant, il-*gazzetta online* hi responsabbli bħala l-intermedjarja għall-kummenti tat-terzi li kienu pubblikati fuq il-verżjoni *online* tagħha.

47. Mill-provi rriżulta li l-editur tal-gazzetta *online* kien il-konvenut Stephen Calleja u għalhekk għandu jwieġeb għad-danni fir-rigward tal-kummenti li l-qorti tqies li huma malafamanti u fir-rigward ta' liema ma tax prova li tneħħu mill-verżjoni online tal-gazzetta. Mill-provi ma rriżultax li l-konvenuti l-oħra kellhom x'jaqsmu mal-kummenti li jiġu posted fil-verżjoni *online* tal-gazzetta.

48. Wara li l-qorti qieset dan kollu, ser tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li ser tillikwida s-somma ta' **ħames mitt ewro (€500)** danni li għandhom jitħallsu mill-konvenut Calleja lil kull wieħed mill-atturi. Il-qorti hi tal-fehma li din is-somma hi adegwata, meta tqies li:

i. L-ewwel qorti llikwidat is-somma ta' €3,000 wara li kkonkludiet li l-konvenuti kienu responsabbli għall-malafama wkoll fir-rigward ta' dak li nkiteb fiż-żewġ artikoli. Din il-qorti ddeċidiet mod ieħor u għalhekk dan għandu jkun rifless ukoll fid-danni likwidati;

ii. M'hemm l-ebda prova li b'dawk iż-żewġ kummenti li ssemmew f'paragrafu 36, l-atturi sofrew xi telf finanzjarju fil-professjoni tagħhom;

iii. Fil-11 ta' Mejju, 2016 il-gazzetta ppubblikat artikolu fejn għamlitha ċara li qegħda taċċetta li dak li ġara kien minħabba żball amministrattiv u ma kien hemm l-ebda *wrongdoing* min-naħa tal-atturi;

iv. L-atturi kienu pronti marru jiġru l-qorti qabel l-HSBC ħareġ dikjarazzjoni uffiċjali li dan kien każ ta' żball amministrattiv;

v. Fl-email datata 10 ta' Mejju, 2016 li d-difensur tal-atturi bagħat lill-konvenuti, ma ssemmewx il-kummenti tat-terzi u kien biss fir-rikors li bih inbdiet il-kawża li l-kummenti ta' terzi issemmew għall-ewwel darba;

vi. L-atturi kellhom dritt li jekk kienu tal-fehma li dawk iż-żewġ artikoli kienu attakk fuq ir-reputazzjoni tagħhom, jitolbu li fil-gazzetta tkun pubblikata dikjarazzjoni tagħhom sabiex jikkontradixxu jew jispjegaw il-każ (artikolu 21).

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-ewwel aggravju u tilqa' parzjalment l-kumplament tal-appell tal-konvenuti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Ottubru, 2018 fis-sens li:-**

1. **Tiddikjara li l-artikoli *"Panama Papers: HSBC investigation expected into alleged fraudulent documents vouching for Keith Schembri and Malcolm Scerri"* pubblikat fil-ġurnal *The Malta Independent on Sunday* u *"Probe expected into alleged fraudulent documents vouching for Keith Schembri, Malcolm Scerri"* li wara ġie emendat għal *"Updated: Keith Schembri, Malcolm Scerri deny fraudulent documents allegations"*, m'humiex libellużi. Għaldaqstant, tilqa' t-tielet eċċezzjoni fir-rigward tal-istess.**

2. **Tiddikjara li l-kummenti biss li ssemmew f'paragrafu 36 tas-sentenza u li saru minn terzi u pubblikati fil-*portal on line* tal-gazzetta *The Malta Independent*, huma libellużi.**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Stephen Calleja jħallas lill-atturi s-somma ta' ħames mitt ewro (€500) kull wieħed, filwaqt li tiċħad it-talba fil-konfront tal-konvenuti l-oħra.**

4. **Spejjeż tal-prim'istanza jinqasmu in kwantu għal tlett kwarti (¾) a karigu tal-konvenut Calleja u kwart (¼) tal-atturi, filwaqt li spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti. Spejjeż ta' Portelli u Lindsay taż-żewġ istanzi, li huma ⅔ tat-taxxa li għad irid joħroġ ir-Reġistratur peress li l-konvenuti kienu assistiti mill-istess avukat, huma a karigu tal-atturi.**

Anthony Ellul.